IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.9.2016
COM(2016) 583 final

2016/0275 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-proposta preżenti tifforma parti minn Pjan ambizzjuż ta' Investiment Estern ("l-EIP") imħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar l-istabbiliment ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi taħt l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[1]. L-inizjattiva tal-EPI ġiet sussegwentement approvata mill-Kunsill Ewropew fit-28 ta' Ġunju 2016 u għandha l-għan li tindirizza l-kawżi bażiċi tal-migrazzjoni, billi tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli. Il-proposta attwali se tippermetti lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) li jikkontribwixxi għall-EIP billi jespandi kemm fil-kwantità kif ukoll fil-kwalità l-Mandat ta' Self Estern tal-BEI ("ELM"). Dan se jippermetti lill-BEI li jikkontribwixxi b'mod rapidu għall-objettivi tal-EIP, b'mod partikolari billi jipprovdi finanzjament addizzjonali lill-benefiċjarji fis-settur privat. Flimkien mal-komponenti addizzjoni l-oħra ("elementi kostitwenti") elenkati hawn taħt, din il-proposta tipprovdi l-elementi ewlenin għall-kontribuzzjoni tal-BEI lill-EIP.

L-ambitu kumplessiv u l-kundizzjonijiet ġenerali tal-kopertura tal-garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet esterni tal-BEI huma stipulati fid-Deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. L-aktar deċiżjoni riċenti li tkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI barra l-Unjoni matul il-perjodu 2014-2020 ġiet stabbilita permezz tad-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 (id-"Deċiżjoni").

Il-ħtieġa għal garanzija tal-baġit tal-UE għall-operazzjonijiet esterni tal-BEI tinbet mill-obbligu tal-BEI skont l-Istatut tiegħu li jiżgura sigurtà adegwata għall-operazzjonijiet ta' self kollha tiegħu u, f'sens aktar wiesa', mill-ħtieġa li titħares l-affidabbiltà kreditizja tal-BEI. Il-garanzija tal-UE hija l-istrument ewlieni li jiżgura l-kompatibilità bejn l-istruttura finanzjarja tal-BEI, li hija influwenzata b'mod aktar sinifikanti minn dik ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħra ("IFIs"), u r-riskju inerenti ferm ogħla ta' self lil pajjiżi terzi, meta wieħed jikkunsidra l-bżonn li jiġi evitat deterjorament fil-klassifikazzjoni AAA tal-BEI filwaqt li jiġi limitat il-konsum tal-kapital.

L-Unjoni tipprovdi garanzija baġitarja lill-BEI li tkopri r-riskji ta' natura sovrana u politika b'rabta mal-operazzjonijiet ta' finanzjament tagħha mwettqa barra mill-Unjoni bħala appoġġ għall-objettivi tal-politika esterna tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-BEI jiffinanzja operazzjonijiet tal-grad ta' investiment barra l-Unjoni bir-riskju għalih stess, kif ukoll attivitajiet taħt mandati speċifiċi bħal f'pajjiżi tal-AKP.

L-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni jirrikjedi li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-BEI, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' nofs it-terminu li jevalwa l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fl-ewwel snin (2014-2016). Jenħtieġ li r-rapport ikun akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta biex jiġi emendat. Ir-rapport ta' nofs it-terminu huwa bbażat fuq

[1] COM(2016) 385 tas-7.6.2016

evalwazzjoni esterna indipendenti u kontribuzzjoni mill-BEI. B'mod partikolari, ir-rapport jipproponi li jemenda l-lista ta' pajjiżi eliġibbli.

Abbażi tal-previżjonijiet tal-BEI għal self fir-reġjun għall-perjodu kollu tal-Mandat, il-Kummissjoni tara diffikultajiet biex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-finanzjament estern tal-BEI taħt il-garanzija tal-UE għall-bqija tal-perspettivi finanzjarji attwali 2014-2020. Barra minn hekk, meta wieħed iqis il-grad ta' riskju tal-pajjiżi (eż. il-pajjiżi fil-viċinat tal-Lvant), hemm possibbiltajiet limitati biex wieħed joqgħod fuq il-faċilitajiet b'riskju proprju tal-BEI ("ORF"). Barra minn hekk, fit-18 ta' Marzu 2016, il-Kunsill Ewropew stieden lill-BEI biex fil-laqgħa ta' Ġunju jippreżenta "inizjattiva speċifika bl-għan li timmobilizza b'mod rapidu finanzjament addizzjonali bħala appoġġ għat-tkabbir sostenibbli, l-infrastruttura essenzjali u l-koeżjoni soċjali fil-pajjiżi tal-viċinat tan-Nofsinhar u tal-Balkani tal-Punent". Fis-16 ta' Ġunju 2016, bi tweġiba għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Marzu 2016, il-Bord tal-BEI iddiskuta dokument li jifforma l-bażi għall-proposta tal-BEI lill-Kunsill Ewropew. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-28 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill Ewropew iddikjara li "l-inizjattiva tal-Bank Ewropew tal-Investiment fil-Viċinat tan-Nofsinhar u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, bħala l-ewwel pass f'dan il-qafas il-ġdid ta' kooperazzjoni, se tgħin biex trawwem l-investiment fil-pajjiżi msieħba u għandha l-appoġġ sħiħ tagħna". Id-dokument tal-BEI huwa bbażat fuq tliet elementi kostitwenti:

- Element kostitwenti 1: L-intensifikazzjoni ta' attivitajiet li huma possibbli taħt l-oqsfa eżistenti.
- Element kostitwenti 2: It-titjib tal-firxa ta' prodotti offruti fir-reġjuni għall-appoġġ prinċipalment tas-settur privat.
- Element kostitwenti 3: It-titjib tal-firxa ta' prodotti offruti fir-reġjuni għall-appoġġ prinċipalment tas-settur privat.

L-Element kostitwenti 1 (EUR 2 biljun f'self) jitwettaq fi ħdan il-mandati u l-faċilitajiet eżistenti, billi jiżdied is-self għal livell li jaqbeż għal kollox il-limiti massimi disponibbli stabbiliti bil-mandat attwali.

Għall-Element kostitwenti 2 (EUR 1,4 biljun f'self), il-BEI ippreveda żieda fil-limiti massimi ġenerali tal-mandat b'EUR 1,4 biljun.

L-Element kostitwenti 3 jinvolvi żieda ta' EUR 2,3 biljun f'volum ta' self u estensjoni tal-kopertura tal-garanzija tal-UE għar-riskji kummerċjali. Għas-self tal-BEI fis-settur privat il-garanzija tal-UE hija attwalment limitata għal avvenimenti ta' riskju politiku kif deskritt fid-Deċiżjoni. Jenħtieġ li dan l-ammont jintuża kollu kemm hu biex jgħin lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fiż-żoni milquta minn kriżijiet.

Flimkien, it-tliet elementi kostitwenti jikkostitwixxu l-Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI fil-Viċinat tan-Nofsinhar u l-Balkani tal-Punent ("l-Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI"), li min-naħa tagħha tifforma parti integrali mill-EIP.

Abbażi tas-sejbiet tar-rieżami ta' nofs it-terminu u fid-dawl tal-Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI, il-Kummissjoni tipproponi li temenda d-Deċiżjoni, kif ġej:

•	Li tintroduċi r-raba’ għan ta’ livell għoli għall-mandat li jindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni. Hemm ukoll spjegazzjoni dettaljata pprovduta fil-parti 5.

•	Li jiġu rilaxxati EUR 3 biljun fakultattivi bl-istess distribuzzjoni reġjonali massima bħal qabel. Il-Kummissjoni tipproponi li l-appoġġ tal-BEI lis-settur pubbliku ta’ EUR 1,4 biljun diretti lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti (l-Element kostitwenti 2 tal-Inizjattiva ta' Reżiljenza) jenħtieġ li jkun inkluż fil-mandat fakultattiv ta’ EUR 3 biljun attivati.

•	Li jinħoloq livell massimu addizzjonali għall-mandat tas-settur privat tal-BEI li jammonta għal EUR 2,3 biljun (l-Element kostitwenti 3 taħt l-Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI), filwaqt li tiġi introdotta garanzija komprensiva għall-operazzjonijiet tas-settur privat marbuta direttament mar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti, biex b’hekk titkabbar il-kopertura tal-garanzija tal-UE għar-riskji kummerċjali.

•	Li jkun hemm aktar flessibbiltà biex il-BEI jaqleb l-ammonti taħt l-allokazzjonijiet tal-limitu massimu reġjonali (mill-10 % attwali bejn ir-reġjuni għal livell ta' 20 %), iżda biss fid-direzzjoni ta’ reġjuni ta’ prijorità għolja għall-Unjoni, b’mod partikolari l-Ukraina u r-reġjuni kkonfrontati bil-migrazzjoni, jew biex tingħeleb kull sfida oħra fil-ġejjieni għall-bqija tal-mandat 2014–2020. Iż-żieda fil-flessibilità ma tapplikax għall-mandat il-ġdid tas-settur privat tal-BEI fir-rigward tal-Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI.

L-introduzzjoni ta’ dawn l-elementi ġodda titlob għadd ta’ modifiki għad-Deċiżjoni.

•	**Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika**

Il-korpi governattivi tal-BEI huma inkoraġġuti jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jadattaw l-attività tal-BEI biex tikkontribwixxi għall-politika esterna tal-Unjoni b'mod effettiv, u biex jiġu ssodisfati b'mod adegwat ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Il-garanzija tal-UE tingħata biss għal operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI li, filwaqt li jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f’din id-Deċiżjoni, għandhom valur miżjud abbażi tal-valutazzjoni tal-BEI stess, u jappoġġaw kwalunkwe wieħed minn dawn l-objettivi ta’ livell għoli kif definit fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni:

1. L-iżvilupp tas-settur privat lokali, b’mod partikolari l-appoġġ għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs);

2. L-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika, inklużi t-trasport, l-enerġija, l-infrastruttura ambjentali u t-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni;

3. Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

Minbarra dawn it-tliet objettivi ta’ livell għoli, l-integrazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi huwa kkunsidrat bħala objettiv sottostanti, inkluża b’mod partikolari l-integrazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni, il-pajjiżi tal-Viċinat u l-Unjoni.

Huwa propost li jiżdied objettiv ta' politika ġdida ta' livell għoli magħmul minn rispons strateġiku li jindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni.

Il-kopertura tal-garanzija tal-UE tippermetti lill-BEI li jwettaq operazzjonijiet barra l-Unjoni, filwaqt li jillimita l-iskopertura għar-riskju tal-BEI u b'hekk tippreserva l-affidabbiltà kreditizja tiegħu. Fit-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet ta' finanzjament barra l-Unjoni, il-BEI jikkontribwixxi indirettament għall-objettivi ta' politika tal-Unjoni, li jinkludu t-tnaqqis tal-faqar permezz ta' tkabbir inklużiv u ekonomija sostenibbli, żvilupp ambjentali u soċjali, u l-prosperità tal-Unjoni f'ċirkostanzi ekonomiċi globali li qegħdin jinbidlu.

Għal dan l-għan, il-Kummissjoni, is-SEAE u l-BEI jikkooperaw u jiżguraw l-allinjament tal-azzjonijiet esterni tal-BEI mal-objettivi tal-politika esterna tal-UE bl-għan li jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn il-finanzjament mill-BEI u r-riżorsi baġitarji tal-UE, l-aktar permezz ta' djalogu regolari u sistematiku u konsultazzjoni bikrija dwar il-politiki, l-istrateġiji u l-proġetti ppjanati (Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni u l-BEI, b'konsultazzjoni mas-SEAE ffirmat fit-12 ta' Settembru 2013). Sabiex tipprovdi miżuri prattiċi biex tinħoloq rabta bejn l-għanijiet ġenerali tal-garanzija tal-UE mal-implimentazzjoni tagħhom imwettqa mill-BEI, il-Kummissjoni aġġornat il-Linji Gwida Operazzjonali Tekniċi Reġjonali tagħha fit-8 ta' Mejju 2015.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Fid-dawl tat-talba tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Marzu 2016, l-inizjattiva tal-BEI proposta għandha fil-mira l-pajjiżi fil-Viċinat tan-Nofsinhar u r-reġjun tal-Balkani tal-Punent. Dawn il-pajjiżi għandhom ħtiġijiet finanzjarji partikolarment urġenti assoċjati mal-kriżi tar-refuġjati. Dan huwa wkoll reġjun ewlieni tal-attività tal-BEI fejn il-BEI għandu esperjenza, netwerk u rekord sinifikanti f'li jipprovdi soluzzjonijiet ta' finanzjament immirati f'self, finanzjament imħallat u għoti ta' pariri.

Il-BEI għandu jikkontribwixxi għar-reżiljenza ekonomika u s-salvagwardja tal-iżvilupp sostenibbli fid-dawl tal-influss tal-migranti u r-refuġjati. Dan għandu jseħħ permezz tal-ħidma tiegħu f'żewġ oqsma ewlenin:

- L-indirizzar ta' aktar infrastruttura u ħtiġijiet relatati ta' servizzi li jagħmlu tajjeb għaż-żieda f'daqqa fil-popolazzjoni;

- It-titjib tal-opportunitajiet ta' impjiegi għall-komunitajiet ospitanti u tar-refuġjati biex titrawwem l-integrazzjoni ekonomika u biex ir-refuġjati jsiru aktar awtoindipendenti.

Il-BEI jista' jappoġġa sforzi biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, kemm permezz ta' appoġġ lis-settur privat (bħall-SMEs, finanzi korporattivi u mikrofinanzi) kif ukoll permezz ta' appoġġ lill-isforzi tas-settur pubbliku (inklużi l-muniċipalitajiet u l-entitajiet tas-settur pubbliku) f'termini ta' infrastruttura u servizzi biex jiġu indirizzati b'mod sinifikanti l-ħtiġijiet addizzjonali.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta għal Deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hija msejsa fuq il-bażi ġuridika doppja tal-Artikoli 209 u 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat). B'mod partikolari l-Artikolu 209(3) tat-Trattat, flimkien mal-Artikolu 208 tiegħu, jipprevedi li l-BEI jikkontribwixxi, skont it-termini stipulati fl-Istatut tiegħu, għall-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jiġu promossi l-objettivi tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, billi l-garanzija tal-UE tat prova li hija mezz effiċjenti biex jiġu koperti r-riskji politiċi u sovrani marbuta mal-operazzjonijiet esterni tal-BEI mwettqa b’appoġġ għall-politiki esterni tal-Unjoni. Il-mandat ta’ garanzija tal-UE għall-2014-2020 jippermetti li l-prattika eżistenti effiċjenti u ekonomikament b’saħħitha tibqa' għaddejja.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva) u proporzjonalità**

F’konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-TUE, l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar mill-UE. Minħabba d-disparitajiet li jezistu fil-kapaċità tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri li jaġixxu, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' tikseb aħjar l-objettivi segwiti, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Sar rieżami ta’ nofs it-terminu li jevalwa l-applikazzjoni ta’ din id-deċiżjoni. L-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni jipprevedi rekwiżiti speċifiċi li jikkonċernaw il-kontenut tar-rapport:

Dan ir-rapport għandu jinkludi b'mod partikolari:

a) valutazzjoni tal-applikazzjoni tal-politika dwar l-allokazzjoni;

b) valutazzjoni tar-rapportar tal-BEI u fejn xieraq rakkomandazzjonijiet dwar kif dan jista' jittejjeb;

c) valutazzjoni tar-REM, inklużi l-indikaturi u l-kriterji ta' prestazzjoni , u l-kontribut tagħhom għall-kisba tal-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni;

d) rendikont dettaljat tal-kriterji kkunsidrati għar-rakkomandazzjoni dwar l-attivazzjoni potenzjali sħiħa jew parzjali tal-ammont addizzjonali opzjonali."

Ir-rapport mill-Kummissjoni huwa bbażat fuq evalwazzjoni mwettqa minn konsulent estern (PwC) kif ukoll fuq kontribut mill-BEI.

Ir-rapport tal-konsulent huwa disponibbli fl-indirizz li ġej:

http://ec.europa.eu/dgs/economy_finance/evaluation/completed/index_en.htm

Ir-rapport ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni, li jakkumpanja l-proposta preżenti, jiddeskrivi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni esterna u jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rieżami ta' nofs it-terminu u l-elementi ewlenin tal-Proposta tal-Kummissjoni filwaqt li jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tar-rispons tal-BEI għat-talba tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Marzu 2016.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-evalwazzjoni kienet notevolment ibbażata fuq skambji ta' fehmiet ma' partijiet ikkonċernati interni u esterni, inklużi rappreżentanti tal-Istati Membri u rappreżentanti tal-NGOs prinċipali relevanti. L-objettiv kien li tinġabar informazzjoni kwalitattiva u li l-opinjonijiet u l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati ewlenin jikkontribwixxu fil-proċess. Fuq il-bażi tar-rapport ta' dijanjosi, ġie organizzat workshop mal-NGOs f'Mejju 2016. Saru skambji ta' fehmiet mar-rappreżentanti tal-NGOs dwar l-ideat għat-titjib identifikati matul il-fażi tad-dijanjożi, kif ukoll dwar ir-rakkomandazzjonijiet preliminari biex dawn jiġu indirizzati. Dawn il-konsultazzjonijiet kollha u l-iskambji ta' fehmiet kienu biżżejjed biex il-konsulent estern jifforma opinjoni dwar il-pożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati. Id-dettalji dwar ir-riżultat prinċipali ta' dawn il-konsultazzjonijiet huma pprovduti f'dan ir-rapport tal-konsulent. L-evalwazzjoni tiegħu kienet tinkludi wkoll intervisti mal-persunal tal-Kummissjoni u tal-BEI, kif ukoll studji ta' każijiet ta' proġetti.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fil-kuntest tat-tħejjija tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni wettqet Valutazzjoni tal-Impatt (VI) li akkumpanjat il-proposta tal-Kummissjoni. Il-valutazzjoni tal-impatt kienet ibbażata fuq il-konsultazzjonijiet wiegħsa tal-partijiet ikkonċernati ewlenin, dawk milquta b'din id-Deċiżjoni, dawk involuti fl-implimentazzjoni tagħha u tal-leġiżlaturi.

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni esterna tal-mandat 2014-2020, il-konsulent organizza intervisti mal-istituzzjonijiet, mal-organizzazzjonijiet u mal-individwi ewlenin involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-mandat, kif ukoll ma' dawk li huma fl-aħjar pożizzjoni biex josservaw ir-riżultati u l-impatt tal-operazzjonijiet. Dawn il-partijiet ikkonċernati kienu jinkludu l-persunal tal-BEI u tal-Kummissjoni, uffiċjali tal-gvern fil-livell tal-pajjiż, persunal minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u istituzzjonijiet ta' finanzjament tal-iżvilupp, investituri istituzzjonali privati u sovrani, intermedjarji finanzjarji mis-settur privat u benefiċjarji finali mis-settur privat u minn dak pubbliku. Dan il-proċess ippermetta l-ġbir ta' provi dettaljati u tekniċi speċifiċi ħafna u ta l-opportunità lill-partijiet ikkonċernati biex jikkontribwixxu l-fehmiet u l-inputs tagħhom lill-evalwazzjoni. L-intervisti ffukaw fuq kwistjonijiet bħal pereżempju r-rilevanza tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ELM, il-koerenza tiegħu fir-rigward tal-azzjoni esterna tal-UE u strumenti oħra tal-Unjoni, l-effiċjenza, il-viżibilità lill-benefiċjarji finali u l-effikaċja tiegħu permezz ta' monitoraġġ. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-impatt preċedenti reċenti u l-evalwazzjoni esterna, din il-proposta l-ġdida ma tinkludix valutazzjoni tal-impatt separata, filwaqt li l-kamp ta' applikazzjoni tal-emendi

proposti għad-Deċiżjoni huwa prinċipalment limitat għall-estensjoni tal-garanzija u għaż-żieda tal-limiti massimi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni ("Fond ta' Garanzija" jew "FG"), li ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni, jipprovdi riżerva ta' likwidità għall-baġit tal-Unjoni kontra t-telf imġarrab mill-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI u azzjonijiet esterni oħra tal-Unjoni, jiġifieri s-self għal assistenza makro finanzjarja u s-self tal-Euratom. Il-mandat tal-EIB jirrappreżenta aktar minn 90 % tal-portafoll kopert mill-Fond ta' Garanzija.

Il-Fond ta' Garanzija huwa mogħni bi ħlas annwali wieħed mill-baġit tal-Unjoni. Il-mekkaniżmu ta' proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija, li għandu l-għan li jżomm il-Fond ta' Garanzija f'livell ta' 9% tal-iżborsi ta' self pendenti, fil-fatt joħloq limitu fid-daqs tal-mandat estern tal-BEI kopert mill-garanzija tal-baġit tal-UE. L-evalwazzjoni esterna tal-funzjonament tal-Fond ta' Garanzija li saret fl-2016[2] ikkonkludiet li r-rata ta' proviżjonament ta' 9 % kienet meqjusa bħala xierqa.

Il-proposta tipprevedi żieda fil-limitu massimu globali tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI skont il-garanzija tal-UE tul il-perjodu 2014-2020 billi jiġi attivat l-ammont fakultattiv ta' EUR 3 biljun imsemmija fid-Deċiżjoni u biż-żieda ta' mandati ta' self ġodda mis-settur privat għal proġetti li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni li jammontaw għal EUR 2,3 biljun. Il-limitu massimu globali se jilħaq l-ammont totali ta' EUR 32,3 biljun u se jinqasam f'limiti massimi reġjonali u sottolimiti massimi.

Il-ħtiġijiet baġitarji addizzjonali għall-proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija marbuta maż-żieda tal-massimu totali tal-mandat se jiġu ffinanzjati minn linja tal-baġit tal-UE 01 03 06. Il-proviżjonament se jiġi ffinanzjat fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali u l-kalkolu tiegħu huwa bbażat fuq xejriet mistennija ta' żborżi u rimborżi ta' self garantit. Matul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali, il-bżonnijiet baġitarji addizzjonali jenħtieġ li jkunu limitati għal EUR 115-il miljun għall-perjodu 2018 – 2020 abbażi tal-previżjonijiet annwali ta' żborżi u rimborżi ta' self tal-BEI. Parti mis-self iffirmat taħt il-mandat attwali tal-BEI se jkun żborżat u mħallas lura wara l-2020.

Il-garanzija tal-UE li tkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI taħt il-mandat ta' self tas-settur privat se tkun ipprezzata. Il-primjums tar-riskju mid-dħul li joriġinaw minn operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI taħt il-mandat ta' self tas-settur privat se jitħallsu lill-Fond ta' Garanzija biex ikopru r-riskju kummerċjali.

L-implikazzjonijiet baġitarji fir-rigward tal-forniment tal-Fond ta' Garanzija, inklużi l-preżunzjonijiet sottostanti, huma stipulati fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li takkumpanja l-proposta.

2 L-evalwazzjoni tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni huma ppubblikati fuq is-sit http://ec.europa.eu/dgs/economy_finance/evaluation/completed/index_en.htm

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI koperti mill-garanzija tal-UE huma ġestiti u mmonitorjati mill-BEI skont ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI stess, inklużi miżuri xierqa ta' awditjar, ta' kontroll u ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, il-Bord tad-Diretturi tal-BEI, fejn il-Kummissjoni hija rrappreżentata minn Direttur u minn Direttur li jalterna, japprova kull operazzjoni ta' finanzjament tal-BEI u jimmonitorja l-fatt li l-BEI jiġi ġestit skont l-Istatut tiegħu u skont id-direttivi ġenerali stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi.

Il-ftehim bejn it-Tliet Partijiet bejn il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-BEI jistabbilixxi r-regoli li skonthom il-Qorti tal-Awdituri għandha twettaq l-awditi tagħha fuq l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI taħt il-garanzija tal-UE.

Jitħejjew rapporti regolari skont id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-mandat mill-BEI lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Ir-rapportar dwar ir-riżultati se jkun ibbażat fuq aggregazzjoni xierqa ta' indikaturi madwar il-portafoll kollu fejn dan ikun possibbli, jew madwar settur partikolari. Fil-kuntest tal-Qafas għall-Kejl tar-Riżultati, dawn l-indikaturi se jitkejlu matul iċ-ċiklu tal-proġett fil-livell tal-valutazzjoni u matul il-monitoraġġ sakemm il-proġett jiġi implimentat kollu kemm hu. L-indikaturi għandhom jitkejlu malli l-ewwel eżiti fl-iżvilupp ikunu disponibbli - tipikament sa tliet snin wara t-tlestija tal-proġett. Dawn għandhom, sa fejn ikun possibbli, jintużaw ukoll għar-rapport finali.

Barra minn hekk, il-BEI jipprovdi lill-Kummissjoni b'dejta statistika, finanzjarja u kontabilistika dwar kull waħda mill-operazzjonijiet ta' finanzjament koperti mill-garanzija tal-UE skont kif ikun meħtieġ biex iwettaq id-doveri ta' rapportar tiegħu jew it-talbiet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri jew ukoll b'ċertifikat ta' awditur dwar l-ammonti pendenti tal-operazzjonijiet ta' finanzjament koperti.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tas-sejbiet tar-rieżami ta' nofs it-terminu u tal-kuntest tal-politika, inklużi l-proposta ta' Reżiljenza tal-BEI, l-elementi ewlenin li jemendaw id-Deċiżjoni jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- Minħabba avvenimenti ġeopolitiċi mhux mistennija li jħeġġu lill-UE biex tipprovdi appoġġ finanzjarju sinifikanti u rapidu permezz tal-mandat estern, il-volum ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI wara sena u nofs (1.5) ta' implimentazzjoni tal-mandat kellu effett qawwi fuq xi wħud mil-limiti massimi f'ċerti reġjuni, u li jħalli marġini operazzjonali limitat f'ċerti reġjuni (l-Asja; l-Afrika t'Isfel, l-Asja Ċentrali, l-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu tan-Nofsinhar). Din is-sitwazzjoni għandha mnejn tillimita l-operazzjonijiet futuri tal-BEI u tista' tnaqqas il-kapaċità tal-mandat li jirreaġixxi għal sfidi futuri potenzjali jew għal prijoritajiet tal-UE fis-snin li ġejjin. Għalhekk huwa propost li jiġi attivat l-ammont addizzjonali

fakultattiv ta’ EUR 3 biljuni u li jiġu emendati l-limiti massimi tad-distribuzzjoni reġjonali stabbiliti fl-Anness I ta’ din id-Deċiżjoni.

• Qed jiżdied objettiv orizzontali ġdid ta’ livell għoli biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni.

• L-ammont addizzjonali fakultattiv ta’ EUR 3 biljuni se jinkludi ammont ta’ EUR 1,4 biljuni relatat mal-Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI (l-Element kostitwenti 2) għal operazzjonijiet li jinvolvu l-kontropartijiet pubbliċi. Dan l-ammont ta’ EUR 1,4 biljun se jitqassam bejn ir-reġjuni ta’ pajjiżi ta’ qabel l-adeżjoni u pajjiżi Mediterranji.

• Żieda tal-limitu massimu globali ta’ EUR 2,3 biljun għall-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI lis-settur privat (Element kostitwenti 3) applikabbli għal proġetti b’appoġġ għar-refuġjati u/jew għall-komunitajiet ospitanti. Dan l-ammont se jitqassam skont il-previżjonijiet tal-BEI bejn ir-reġjuni ta’ pajjiżi ta’ Qabel l-Adeżjoni u l-pajjiżi Mediterranji. F’dan il-kuntest, u għal dan l-ammont, il-kopertura tal-garanzija tal-UE għal dawn l-operazzjonijiet hija estiża għall-ħlasijiet kollha dovuti lill-BEI, iżda li ma jkunux waslu għandu (“Garanzija Komprensiva”), u mhux biss għall-garanzija kontra r-riskju politiku kif inhu l-każ bħalissa skont id-Deċiżjoni. Il-Garanzija Komprensiva tal-UE relatata ma’ dan il-mandat ġdid se tkun ipprezzata. Id-dħul se jitħallas lill-Fond ta’ Garanzija għal azzjonijiet esterni. Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet tal-BEI taħt il-garanzija tal-UE għalhekk qed jiżdied għal EUR 32,3 biljun.

• Rigward il-qafas għall-Kejl tar-Riżultati tiegħu, il-BEI irid jiżviluppa u jimplimenta indikaturi għal proġetti li jipprovdu rispons strateġiku li jindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni. Fil-kuntest tar-rapportar annwali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI, hija inkluża valutazzjoni tal-impatt tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI ta’ dan ir-rispons strateġiku.

• Rieżami tal-lista ta’ eliġibbiltà tal-pajjiżi: It-tneħħija ta' pajjiżi bi dħul għoli u pajjiżi bi grad għoli ta' investment bħalma huma l-Brunei, l-Iżlanda, l-Iżrael, Singapore, iċ-Ċilì u l-Korea t’Isfel mil-lista ta’ pajjiżi eliġibbli, kif ukoll ir-Reġjuni Amministrattivi Speċjali taċ-Ċina (SAR) Ħong Kong u l-Makao. Barra minn hekk, l-Iran qed jiżdied mal-lista ta’ reġjuni u pajjiżi potenzjalment eliġibbli (f’Anness II tad-Deċiżjoni).

Qed tiġi introdotta referenza għall-ftehim ta’ Pariġi adottat taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima. Il-volum tal-operazzjonijiet tal-BEI għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih jenħtieġ li jikkontribwixxi biex iżid il-proporzjon tas-self tal-BEI b’appoġġ ta’ investiment relatat mal-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw minn 25 % għal 35 % sal-2020. Matul il-perjodu kopert mid-Deċiżjoni, li tirrifletti l-prijoritajiet ġodda tal-Mandat, il-volum minimu ta’ dawn l-operazzjonijiet jenħtieġ li jkompli jirrappreżenta 25 % tat-total tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI; fl-istess ħin jenħtieġ li l-BEI ikollu l-għan li jżomm il-livell għoli attwali ta’ prestazzjoni. Qed jiġi propost li l-BEI jenħtieġ li jsaħħaħ l-elementi ta' adattament tal-kontribuzzjoni tiegħu għal proġetti dwar it-tibdil fil-klima.

Il-limitu massimu għal allokazzjoni mill-ġdid bejn ir-reġjuni qed jiżdied minn 10 % sa 20 % fejn dan jikkonċerna l-bżonn li jiġu indirizzati emerġenzi u sitwazzjonijiet ta’ kriżi li jistgħu jinqalgħu matul il-perjodu tal-mandat u li huma rikonoxxuti bħala prijoritajiet għolja ta' politika esterna tal-UE. Ir-riallokazzjoni mhijiex applikabbli għat-EUR 2,3 biljun marbuta mal-mandat tas-settur privat u għall-EUR 1,4 biljun marbuta ma’ proġetti fis-settur pubbliku biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni.

• l-appoġġ tal-BEI għall-SMEs mill-Unjoni irid jissaħħaħ (l-internazzjonalizzazzjoni tan-negozji tal-UE).

• qed jiġi enfasizzat il-mandat tal-EIB ta' kontribuzzjoni diretta biex jintlaħqu wħud mill-għanijiet ta’ żvilupp sostenibbli (SDGs).

2016/0275 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 209 u 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-komunità internazzjonali qed tiffaċċja kriżi bla preċedent ta' refuġjati, li teħtieġ solidarjetà, mobilizzazzjoni effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji u l-ħtieġa li jiġu ffaċċati u li jintegħlbu l-isfidi eżistenti b'mod ikkoordinat. L-atturi kollha jridu jaħdmu flimkien biex japplikaw politiki sostnuti, fuq terminu medju u fit-tul kif ukoll użu effiċjenti ta' proċessi u programmi eżistenti bl-għan li jappoġġaw inizjattivi li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni.

(2) Jenħtieġ li jiġi żviluppat qafas ġdid ta' sħubija ma' pajjiżi terzi orjentat lejn ir-riżultati li jikkunsidra l-politiki u l-istrumenti kollha tal-Unjoni. Bħala parti minn dan il-qafas ġdid ta' sħubija, il-Pjan ta' Investiment Estern jenħtieġ li jiġi stabbilit biex jappoġġa l-investimenti f'reġjuni barra mill-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxi għall-kisba tal-għan ta' żvilupp sostenibbli. Jenħtieġ ukoll li jissodisfa l-objettivi tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-objettivi segwiti mill-istrumenti finanzjarji l-oħra għall-azzjoni esterna.

(3) Il-proposta tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) biex jikkontribwixxi għall-Pjan ta' Investiment Estern (EIP) permezz tal-Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI fil-Viċinat tan-Nofsinhar u l-Balkani tal-Punent ("l-Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI") ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fit-28 ta' Ġunju 2016.

(4) Komponent ewlieni tal-Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI huwa l-espansjoni, kemm f'termini kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi, tal-Mandat ta' Self Estern tal-BEI (ELM). Jenħtieġ li dan jippermetti lill-BEI li jikkontribwixxi b'mod rapidu għall-objettivi tal-EIP, b'mod partikolari billi jipprovdi finanzjament addizzjonali lill-benefiċjarji fis-settur privat.

(5) Il-komplementarjetà tal-Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI mal-komponenti l-oħra tal-EIP trid tiġi żgurata permezz tal-Bord Strateġiku tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, fejn il-BEI se jkollu siġġu sħiħ.

(6) Barra minn hekk, u f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, il-BEI jenħtieġ li jissottometti l-komponent tas-settur privat tal-Inizjattiva ta' Reżiljenza tal-BEI bħala l-ewwel tieqa ta' investiment għall-Bord Operazzjonali tal-Viċinat skont l-EIP.

(7) Ingħatat garanzija baġitarja lill-BEI għall-operazzjonijiet ta' finanzjament imwettqa barra mill-Unjoni bid-Deċiżjoni 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3].

(8) Skont l-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni 466/2014/UE, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-BEI, ħejjiet rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu li jevalwa l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' valutazzjoni esterna indipendenti.

(9) Sabiex l-ELM ikun jista' jwieġeb għall-isfidi futuri potenzjali u għall-prijoritajiet tal-Unjoni, kif ukoll biex jipprovdi rispons strateġiku li jindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni, il-limitu massimu għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI taħt il-garanzija tal-UE jeħtieġ li jiżdied għal EUR 32 300 000 000 billi jiġi rilaxxat l-ammont addizzjonali fakultattiv ta' EUR 3 000 000 000. Skont il-mandat ġenerali, l-ammont ta' EUR 1 400 000 000 għandu jkun allokat għal proġetti fis-settur pubbliku diretti lejn ir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti f'żoni milquta mill-kriżijiet.

(10) Taħt il-mandat il-ġdid ta' self tas-settur privat, jenħtieġ li l-ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 ikun iddedikat għal proġetti li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni fil-limitu massimu miżjud u jenħtieġ li jibbenefika mill-Garanzija Komprensiva mill-Unjoni.

(11) Jenħtieġ li t-trattament tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni jiġi miżjud bħala objettiv ġdid tal-mandat.

(12) Jenħtieġ li l-komplementarjetà u l-koordinazzjoni mal-inizjattivi tal-Unjoni li jindirizzaw il-kawżi tal-migrazzjoni jiġu żgurati, flimkien mal-appoġġ tal-Unjoni għar-riintegrazzjoni sostenibbli ta' migranti li jirritornaw lejn il-pajjiżi ta' oriġini.

(13) Wara l-Ftehim ta' Pariġi adottat taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-klima[4], jenħtieġ li l-għan tal-BEI jkun li jinżamm il-livell għoli attwali ta' nfiq rilevanti għall-klima taħt l-ELM, filwaqt li jikkontribwixxi għaż-żieda tal-investiment tiegħu relatat mal-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw minn 25 % għal 35 % sal-2020.

(14) Jenħtieġ li r-riskju għall-baġit tal-Unjoni assoċjat mal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI taħt il-mandat ta' self tas-settur privat ikun ipprezzat u li d-dħul iġġenerat minn ipprezzar tar-riskju jitħallas fil-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni sabiex ikopri r-riskju kummerċjali u biex jiġu evitati d-distorsjonijiet tas-suq.

(15) Jenħtieġ li l-BEI jiżviluppa u jimplimenta sett ta' indikaturi fil-qafas għall-Kejl tar-Riżultati tiegħu għall-proġetti fis-settur pubbliku u fis-settur privat diretti lejn ir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti. Għalhekk, jenħtieġ li fir-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, tiġi inkluża valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni.

---

3 Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/590 tal-11 ta' April 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 103, 19.4.2016, p. 1).

(16) Jenħtieġ li l-limitu massimu għal allokazzjoni mill-ġdid bejn ir-reġjuni mill-BEI matul il-mandat jiżdied minn 10 % għal 20 % biss fejn dan jikkonċerna l-bżonn li jiġu indirizzati emerġenzi u sitwazzjonijiet ta' kriżi li jistgħu jinqalgħu fil-perjodu tal-mandat u li huma rikonoxxuti bħala prijoritajiet tal-politika esterna tal-Unjoni. Il-mandat tas-settur privat ta' EUR 2 300 000 000 u l-ammont ta' EUR 1 400 000 000 iddedikat għal proġetti fis-settur pubbliku ma jistgħux jiġu allokati mill-ġdid billi l-għan tagħhom hu li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni.

(17) Il-lista ta' reġjuni u pajjiżi eliġibbli u reġjuni u pajjiżi potenzjalment eliġibbli jenħtieġ li tiġi modifikata sabiex teskludi pajjiżi b'introjtu għoli u bi klassifikazzjoni ta' kreditu għolja (il-Brunei, l-Iżlanda, l-Iżrael, Singapore, iċ-Ċilì u l-Korea t'Isfel). Barra minn hekk, l-Iran qed jiżdied mal-lista ta' reġjuni u pajjiżi potenzjalment eliġibbli.

(18) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Limiti massimi fuq l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI koperti mill-garanzija tal-UE

1. Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI koperti mill-garanzija tal-UE, matul il-perjodu 2014-20 ma għandux jaqbeż it-EUR 32 300 000 000. L-ammonti inizjalment allokati għal operazzjonijiet ta' finanzjament iżda kkanċellati sussegwentement ma jgħoddux mal-limitu.

Dan il-limitu massimu għandu jinqasam fi:

(a) ammont massimu ta' EUR 30 000 000 000 taħt mandat ġenerali, li minnhom ammont ta' EUR 1 400 000 000 huwa allokat għal proġetti fis-settur pubbliku diretti lejn ir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti;

(b) ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 taħt mandat ta' self tas-settur privat għal proġetti li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni.

2. L-ammonti massimi taħt il-mandat ġenerali u l-mandat ta' self tas-settur privat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinqasam f'limiti u sottolimiti massimi reġjonali kif stipulat fl-Anness I. Fil-limiti massimi reġjonali, il-BEI għandu jiżgura progressivament li jkun hemm distribuzzjoni bilanċjata tal-pajjiżi fir-reġjuni koperti mill-garanzija tal-UE.";

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiddaħħal il-punt (d) li ġej:

"(d) risposta strateġika għall-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni.”;

(b) fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu jinbidel b’dan li ġej:

"Biex jiġi żgurat li l-investimenti tas-settur privat ikollhom l-ikbar impatt fuq l-iżvilupp, il-BEI għandu jagħmel ħiltu biex isaħħaħ is-settur privat lokali fil-pajjiżi benefiċjarji permezz ta ‘appoġġ għall-investiment lokali kif previst fil-punt (a) tal-paragrafu 1. L-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI li jappoġġaw l-objettivi ġenerali stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom ifittxu wkoll li jtejbu l-appoġġ tagħhom għall-proġetti ta’ investiment mmexxija mill-SMEs tal-Unjoni. Sabiex l-użu tal-fondi jiġi mmonitorjat b’mod effettiv għall-benefiċċju tal-SMEs ikkonċernati, il-BEI għandu jistabbilixxi u jżomm dispożizzjonijiet kuntrattwali xierqa li jimponu obbligi ta' rapportar standard kemm fuq l-intermedjarji finanzjarji kif ukoll fuq il-benefiċjarji”;

(c) il-paragrafi 7 u 8 jinbidlu b'dan li ġej:

"7. L-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li jappoġġaw l-objettivi ġenerali stabbiliti fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandhom jappoġġaw il-proġetti ta' investiment fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih li jikkontribwixxu għall-objettivi globali tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, b'mod partikolari billi jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija u t-trasport sostenibbli, jew billi tiżdied ir-reżiljenza għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima fuq il-pajjiżi, is-setturi u l-komunitajiet vulnerabbli.

Il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-proġetti ta’ azzjoni klimatika huma definiti fl-istrateġija tal-BEI dwar it-tibdil fil-klima[5] li ġiet aġġornata fl-2015. Abbażi tal-metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-proġetti u l-varjazzjonijiet tal-emissjonijiet imfassla mill-BEI, għandha tiġi inkluża analiżi tal-marka tal-karbonju fil-proċedura tal-valutazzjoni ambjentali biex jiġi determinat jekk il-proposti tal-proġetti jottimizzawx it-titjib fl-effiċjenza tal-enerġija.

Matul il-perjodu kopert minn din id-Deċiżjoni, l-EIB għandu jagħmel ħiltu biex jinżamm il-livell għoli attwali tal-operazzjonijiet rilevanti għall-klima, filwaqt li l-volum minimu ta’ dawn l-operazzjonijiet għandu jirrappreżenta mill-inqas 25 % tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament kollha tal-BEI.

Il-BEI għandu jsaħħaħ l-elementi ta' adattament fil-kontribuzzjoni tiegħu għal proġetti dwar it-tibdil fil-klima.

8. L-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI li jappoġġaw l-objettivi ġenerali previsti fil-punt (d) tal-paragrafu 1 għandhom isostnu l-proġetti ta’ investiment li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni, jikkontribwixxu għar-reżiljenza ekonomika fit-tul u jissalvagwardjaw l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi benefiċjarji. L-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI għandhom, b’mod partikolari, jindirizzaw il-ħtiġijiet li qed jiżdiedu għall-infrastruttura u għas-servizzi relatati li jipprovdu għal-influss tal-migranti, u jżidu l-

[5] “L-istrateġija tal-BEI dwar il-Klima – Mobilizzazzjoni tal-finanzjament għat-tranżizzjoni lejn ekonomija baxxa fil-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima” adottata mill-BEI fit-22 ta’ Settembru 2015.

opportunitajiet ta’ xogħol għall-komunitajiet ospitanti u tar-refuġjati biex titrawwem l-integrazzjoni ekonomika u biex ir-refuġjati jsiru awtonomi.

Dawn l-operazzjonijiet ta’ finanzjament għandhom jappoġġaw dan li ġej:

(a) is-settur privat fl-oqsma tal-SMEs, il-finanzi korporattivi u l-mikrofinanzjament;

(b) is-settur pubbliku, inklużi l-muniċipalitajiet u l-entitajiet tas-settur pubbliku, f’termini ta’ infrastruttura u ta' servizzi biex jindirizzaw bżonnijiet miżjuda b’mod sinifikanti.”;

(3) fl-Artikolu 8(1), jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

“Il-Garanzija Komprensiva għandha tapplika wkoll għal operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI taħt il-mandat ta’ self tas-settur privat imsemmi fl-Artikolu 2(1)(b).”;

(4) fl-Artikolu 10, jiżdied it-tielet subparagrafu li ġej:

“Ir-riskju għall-baġit tal-Unjoni assoċjat mal-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI taħt il-mandat ta’ self tas-settur privat imsemmi fl-Artikolu 2(1)(b) għandu jkun ipprezzat u d-dħul iġġenerat mill-ipprezzar tar-riskju għandu jitħallas fil-Fond ta’ Garanzija għal azzjonijiet esterni”;

(5) L-Artikolu 11(1) huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (b), tiżdied is-sentenza li ġejja:

"(b) Għandhom jiġu żviluppati mill-BEI indikaturi għal proġetti li jipprovdu rispons strateġiku li jindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni;”;

(b) jiżdied il-punt (j) li ġej:

"(j) Valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI għal rispons strateġiku li jindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni. ’;

(6) L-Artikolu 20 jinbidel b’dan li ġej:

"Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport finali ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni."

(7) L-Annessi I, II, u III jinbidlu bit-test fl-Annessi I, II, u III ma' din id-Deċiżjoni

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

<u>DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA</u>

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwata(i)

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 466/2014/UE tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[6]

It-Titolu 01 – L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Attività tal-ABB: L-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[7]

X Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva

L-għan ġenerali tal-attività tal-BEI barra l-Unjoni taħt il-mandat estern huwa li jingħata appoġġ għall-politiki esterni tal-Unjoni billi jiġu ffinanzjati proġetti ta' investiment rilevanti fil-pajjiżi msieħba permezz ta' kombinazzjoni tat-tlaqqigħ tal-baġit tal-UE mar-riżorsi proprji tal-BEI. Permezz tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu barra l-Unjoni koperti mill-garanzija tal-UE, il-BEI jeħtieġ li jappoġġja l-iżvilupp sostenibbli ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-pajjiżi sħab tal-Unjoni, u s-sħubija tagħhom mal-Unjoni. L-għanijiet ġenerali li l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom ifittxu taħt il-mandat huma dawn li ġejjin: (a) l-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ lill-SMEs; (b) l-iżvilupp ta' infrastruttura soċjali, ambjentali u ekonomika; (c) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. (d) risposta strateġika għall-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni.

[6] ABM: immaniġġjar ibbażat fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.
[7] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.2. *Għan(ijiet) speċifiku/iċi u attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

Għan speċifiku ABM Nru 2: "Li jitjiebu l-profil tal-UE, ir-rappreżentazzjoni esterna tagħha u l-kooperazzjoni tagħha mal-BEI, mal-BERŻ, ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn inkluż it-titjib tar-reputazzjoni tal-UE mal-fora ekonomiċi rilevanti biex tissaħħaħ il-konverġenza bejn l-istrateġiji u l-ħidmiet tagħhom u l-prijoritajiet esterni tal-UE". Attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i Titolu 01.03 – Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Fil-kuntest tat-tħejjija tad-Deċiżjoni 466/2014/UE, il-Kummissjoni wettqet Valutazzjoni tal-Impatt (VI) li akkumpanjat il-proposta tal-Kummissjoni. Billi din il-proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni 466/2014/UE hija sempliċement intiża biex testendi l-Garanzija tal-UE u żżid il-limiti massimi, għandha tiġi eżentata mir-rekwiżit li tħejji valutazzjoni tal-impatt.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

Mill-2012, il-BEI uża qafas biex jitkejlu r-riżultati u l-impatti tal-operazzjonijiet tal-BEI permezz ta' monitoraġġ operazzjonali ta' sett ta' indikaturi. Il-"Qafas ta' Kejl tar-Riżultati (REM)[8] itejjeb il-valutazzjoni *ex-ante* tar-riżultati tal-proġett mistennija u jsaħħaħ il-ħila tal-BEI li jirrapporta dwar ir-riżultati reali miksuba. Il-qafas tar-REM iservi biex juri kif is-self mill-BEI jiġġenera outputs, li jippermettu eżiti u maż-żmien iwasslu għal impatti, li jkunu skont l-għanijiet tal-mandat tal-Bank. Barra minn hekk, il-progress lejn għanijiet speċifiċi u operazzjonali tal-proposta se jkunu mmonitorjati permezz ta' indikaturi ewlenin kif indikat fit-taqsima ta' hawn taħt "Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar". [Rigward il-finanzjament ta' proġetti li jippromwovu l-azzjoni klimatika: L-Istandards tal-Klima tal-BEI, li jiddefinixxu l-għanijiet ta' valur miżjud tal-BEI, jeħtieġu li l-finanzjament tiegħu b'mod ġenerali jiġi allinjat mal-politika tal-UE dwar it-tibdil fil-klima. B'mod partikolari, il-BEI huwa impenjat li: • Jagħmel il-portafoll ta' self tiegħu aktar favur il-klima billi jippromwovi l-proġetti ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima f'diversi setturi u jippromwovi l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija fil-proġetti ffinanzjati. • Jintegra l-konsiderazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-klima fiċ-ċiklu tal-proġett u jippromwovi proġetti ta' adattament jew proġetti b'komponenti ta' adattament u miżuri, fl-interess ta' sostenibbiltà fit-tul. • Jivvaluta u jirrapporta dwar il-marka tal-karbonju tal-proġetti ta' investiment iffinanzjati mill-BEI fit-taqsima tar-Rapport Annwali tiegħu li tirrigwarda l-emissjonijiet aggregati annwali tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-ekonomija tagħhom.

8 http://www.eib.org/projects/cycle/monitoring/rem.htm

• Jinkludi l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni tal-Azzjoni Klimatika tal-2009 fil-Pjan Korporattiv tal-Operat flimkien mal-mira perċentwali annwali kurrenti għas-self ta' mill-inqas 25 %. Dan il-perċentwal huwa bbażat fuq sett konsistenti ta' definizzjonijiet dwar proġetti ta' azzjoni klimatika.

• Jirrifletti l-valur tal-karbonju – kemm finanzjarju kif ukoll ekonomiku — fir-rekwiżiti u fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' finanzjament tiegħu.

• Iżid it-trasparenza u r-responsabbiltà, il-promozzjoni u l-ħidma ma' istituzzjonijiet oħra, inklużi mal-IFMs, mal-IFBs ("dipendenza reċiproka"), mal-NGOs, mal-Kummissjoni Ewropea u mal-komunità akkademika dwar kwistjonijiet relatati mal-klima.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil

L-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni 466/2014/UE jgħid li: Sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-BEI, għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' nofs it-terminu li jevalwa l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fl-ewwel snin, akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposta biex din tiġi emendata. Ir-rapport ta' nofs it-terminu għandu jkun ibbażat fuq evalwazzjoni esterna indipendenti u l-kontribuzzjoni mill-BEI.

Dan ir-rapport għandu jinkludi b'mod partikolari:

a) valutazzjoni tal-applikazzjoni tal-politika dwar l-allokazzjoni;

b) valutazzjoni tar-rapportar tal-BEI u fejn xieraq rakkomandazzjonijiet dwar kif dan jista' jittejjeb;

c) valutazzjoni tar-REM, inklużi l-indikaturi u l-kriterji ta' prestazzjoni, u l-kontribut tagħhom għall-kisba tal-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni;

d) rendikont dettaljat tal-kriterji kkunsidrati għar-rakkomandazzjoni dwar l-attivazzjoni potenzjali sħiħa jew parzjali tal-ammont addizzjonali opzjonali."

Għal dan l-għan, konsulent estern wettaq evalwazzjoni esterna indipendenti li tinkludi kontribuzzjoni mill-BEI. Ir-rapport tal-Kummissjoni jiddeskrivi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni esterna u jiddeskrivi fil-qosor is-sejbiet.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

L-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI barra l-Unjoni jirrappreżentaw għodda ferm viżibbli u effettiva b'appoġġ għall-azzjoni esterna tal-Unjoni. Il-benefiċċji prinċipali tal-intervent tal-BEI f'pajjiżi bħal dawn, lilhinn mill-kontribuzzjoni finanzjarja, jinkludu t-trasferiment tal-kompetenza lill-promoturi tal-proġetti u l-applikazzjoni tal-istandards ambjentali, soċjali u ta' akkwist pubbliku tal-UE għall-proġetti ta' investiment iffinanzjati mill-BEI. Flimkien mal-benefiċċji li jissemmew hawn fuq, il-BEI jgħaddi b'mod sħiħ il-vantaġġi finanzjarji li jirriżultaw mill-garanzija tal-UE u l-ispejjeż attraenti għall-finanzjament tal-BEI lill-benefiċjarji finali fil-forma ta' rati kompetittivi tal-imgħax.

Il-mandat mgħammar bil-garanzija tal-UE jipprovdi s-sostenn politiku u finanzjarju neċessarju mill-UE għas-self mill-BEI fil-pajjiżi u għal proġetti ta' investiment li b'mod

ieħor ma jkunux jistgħu jikkonformaw mal-linji gwida u l-kriterji standard tal-BEI minħabba r-riskju għoli.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

It-tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ġew ikkunsidrati fil-kuntest tal-Valutazzjoni tal-Impatt, li serviet bħala l-bażi tad-Deċiżjoni 466/2014/UE.

Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar l-attivitajiet esterni tal-BEI li jinvolvu garanzija baġitarja tal-UE. Kull sena, il-Kummissjoni tippreżenta rapport ta' implimentazzjoni dwar l-attivitajiet esterni tal-BEI lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-aħħar rapport annwali ġie ppreżentat għas-sena kalendarja 2015[9]. Huwa jinkludi:

- stima tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fil-livell ta' proġett, settur, pajjiż u dak reġjonali,
- valutazzjoni tal-valur miżjud, l-outputs, l-eżiti u l-impatt fuq l-iżvilupp stmati għall-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, abbażi tar-rapport annwali dwar il-qafas tal-Kejl tar-Riżultati tal-BEI,
- • valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI biex jiġu ssodisfati l-politika esterna tal-Unjoni u l-objettivi strateġiċi tagħha,
- valutazzjoni tal-benefiċċju finanzjarju trasferit lill-benefiċjarji tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI,
- valutazzjoni tal-kwalità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI,
- informazzjoni dettaljata dwar talbiet għall-garanzija tal-UE,
- informazzjoni dwar il-volumi ta' finanzjament għat-tibdil fil-klima u l-bijodiversità,
- deskrizzjoni tal-kooperazzjoni mal-Kummissjoni u ma' istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej u internazzjonali oħrajn, inkluż il-kofinanzjament,
- informazzjoni dwar is-segwitu tal-funzjonament tal-Memorandum ta' Qbil bejn il-BEI u l-Ombudsman Ewropew.

1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra

L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI se jikkomplementaw l-attivitajiet imwettqa taħt l-istrumenti ta' assistenza esterna. Sabiex jiżdied aktar is-sostenn għall-politiki esterni tal-Unjoni f'kull reġjun speċifiku, issaħħet il-konnessjoni bejn il-prijoritajiet tal-BEI u l-politiki tal-Unjoni. Dan inkiseb permezz tal-istabbiliment u l-aġġornament tal-linji gwida operazzjonali tekniċi reġjonali (RTOGs) wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 466/2014/UE. Il-Kummissjoni, flimkien mas-SEAE u l-BEI, aġġornat il-linji gwida operazzjonali tekniċi reġjonali f'Mejju 2015.

[9] SWD (2016) XXX final ta' XX.XX.2016

L-RTOGs għandhom l-għan li jipprovdu qafas aktar b'saħħtu għad-djalogu u l-kooperazzjoni bejn il-BEI u l-Kummissjoni. Fejn xieraq, l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI jistgħu jkunu kkombinati b'mod utli mar-riżorsi baġitarji tal-UE fil-forma ta' għotjiet ta' kofinanzjament, kapital ta' riskju, kondiviżjoni tar-riskju jew assistenza teknika għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti jew it-titjib tal-qafas legali u dak regolatorju.

1.6. Durata u impatt finanzjarju

X Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

X Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/01/2020

L-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI jistgħu jiġu ffirmati mill-BEI mill-2014 sal-2020.

X Impatt finanzjarju mill-2014 sa data mhux definita

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[10]

X Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

Kummenti B'konformità mad-dispożizzjonijiet eżistenti, il-BEI se jiffinanzja proġetti ta' investiment skont ir-regoli u l-proċeduri tiegħu. Il-BEI u l-Kummissjoni għandhom jimmodifikaw il-Ftehim ta' Garanzija u l-Ftehim ta' Rkupru li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati.

[10] Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

L-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI koperti mill-garanzija tal-UE se jkunu ġestiti mir-regoli u l-proċeduri tal-BEI stess, inklużi miżuri xierqa ta’ awditjar, ta' kontroll u ta' monitoraġġ.

Barra minn hekk, il-Bord tad-Diretturi tal-BEI, fejn il-Kummissjoni hija rrappreżentata minn Direttur u minn Direttur li jalterna, japprova kull operazzjoni ta’ finanzjament tal-BEI u jimmonitorja l-fatt li l-BEI jiġi ġestit skont l-Istatut tiegħu u skont id-direttivi ġenerali stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi.

Il-ftehim bejn it-Tliet Partijiet bejn il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-BEI jagħti dettalji dwar ir-regoli li skonthom il-Qorti tal-Awdituri għandha twettaq l-awditi tagħha fuq l-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI taħt il-garanzija tal-UE.

Isiru rapporti regolari konformi mad-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE. Il-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-mandat mill-BEI lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapportar dwar ir-riżultati huwa bbażat fuq aggregazzjoni xierqa ta’ indikaturi (il-qafas għall-Kejl tar-Riżultati tal-BEI) matul il-portafoll kollu fejn dan ikun possibbli, jew mifrux ma' settur partikolari. Dan jgħin sabiex jintgħażlu proġetti tajbin li huma konformi mal-prijoritajiet tal-UE abbażi ta' riżultati konkreti, u fejn l-involviment tal-BEI jżid il-valur. Fl-istadju ta' evalwazzjoni, jiġu identifikati l-indikaturi tar-riżultati b'xenarji ta' referenza u miri li jirriflettu l-eżiti ekonomiċi, soċjali u ambjentali mistennija tal-operazzjoni. Ir-riżultati, mqabblin ma' dawn il-valuri referenzjari speċifiċi ta' prestazzjoni, huma mmonitorjati matul ħajjet il-proġett kollu u rappurtati f'żewġ stadji importanti: meta jitlesta l-proġett, u tliet (3) snin wara li jitlesta l-proġett ("wara t-tlestija ") fil-każ ta' operazzjonijiet diretti; fl-aħħar tal-perjodu ta' investiment u fi tmiem il-ħajja tal-fondi ta' ekwità privata; u fl-aħħar tal-perjodu ta' allokazzjoni fil-każ ta' self intermedjat. Dawn l-indikaturi jkopru l-oqsma li ġejjin: i) l-ammont iffirmat skont ir-reġjun, ii) l-ammont żborżat skont ir-reġjun, iii) il-progress għall-kisba ta’ distribuzzjoni bilanċjata ta’ attività skont il-pajjiż, iv) analiżi skont it-tip ta' attività fid-diversi għanijiet, v) il-volum ta’ self marbut mat-tibdil fil-klima kontra l-finanzjament fil-mira u l-impatt fuq it-tnaqqis fl-emissjonijiet assoluti u relattivi tal-gassijiet serra , vi) in-numru ta’ proġetti vvalutati kontra r-riskju marbut mal-klima, vii) in-numru u l-ammont ta’ operazzjonijiet imħallta ma’ għotjiet tal-UE, u vii) in-numru u l-ammont ta’ operazzjonijiet kofinanzjati ma’ Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħra.

Barra minn hekk, il-BEI jipprovdi lill-Kummissjoni b’dejta statistika, finanzjarja u kontabilistika dwar kull waħda mill-operazzjonijiet ta’ finanzjament koperti mill-garanzija tal-UE skont kif ikun meħtieġ biex iwettaq id-doveri ta’ rapportar tiegħu jew it-talbiet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kif ukoll b'ċertifikat ta' awditur dwar l-ammonti pendenti tal-Operazzjonijiet ta’ Finanzjament koperti.

Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport finali ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Ir-riskju għall-baġit tal-UE huwa marbut mal-garanzija tal-baġit mogħtija mill-Unjoni lill-BEI għall-operazzjonijiet tiegħu f'pajjiżi terzi. Il-garanzija tipprovdi kopertura komprensiva għall-ħlasijiet kollha li ma jaslux għand il-BEI taħt operazzjonijiet sovrani u subsovrani u biss kopertura għar-riskju politiku għal operazzjonijiet oħra permezz ta' kondiviżjoni tar-riskju bejn l-Unjoni u l-BEI.

Il-proposta tipprevedi żieda fil-limitu massimu ġenerali tal-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI taħt il-garanzija tal-UE billi jiġi attivat l-ammont fakultattiv ta' EUR 3 biljun imsemmi fid-Deċiżjoni. Id-Deċiżjoni ta' emenda tal-Kummissjoni tipproponi wkoll żieda fil-limitu massimu kumplessiv ta' EUR 2,3 biljun għall-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI lis-settur privat applikabbli għal proġetti b'appoġġ għar-refuġjati u/jew għall-komunitajiet ospitanti. F'dan il-kuntest, dan il-mandat se jibbenefika mill-Garanzija Komprensiva, u mhux biss mill-garanzija kontra r-riskju politiku. Il-Garanzija Komprensiva se tkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għas-settur privat bħala parti minn rispons strateġiku li jindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni.

Għalhekk, il-limitu massimu għandu jiżdied minn EUR 27 biljun għal EUR 32,3 biljun matul il-perjodu 2014-2020.

Fi kwalunkwe każ, il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-krediti li jinħarġu u tiggarantixxi r-rimborż ta' ammonti mnaqqsa, u l-kwantitajiet relatati l-oħra kollha.

Ir-reġistrazzjoni baġitarja ("p.m.") li tirrifletti l-garanzija baġitarja għas-self mill-BEI lil pajjiżi terzi tiġi attivata biss fil-każ ta' sejħa effettiva fuq il-garanzija mill-BEI li ma tkunx tista' tiġi koperta għal kollox mill-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni. Għalkemm tali rikors għall-baġit (jiġifieri lilhinn mill-assi tal-Fond ta' Garanzija) huwa meqjus bħala improbabbli ħafna, il-kummenti assoċjati mal-linja baġitarja jirriflettu l-ħtiġijiet finanzjarji li jistgħu jirriżultaw f'każ ta' talba għall-ħlas mill-BEI dwar inadempjenza koperta mill-garanzija tal-UE.

Fl-2015 u fl-ewwel sitt xhur tal-2016, il-Fond ta' Garanzija ntalab ikopri inadempjenzi fuq is-self fis-Sirja. Fir-rapporti annwali mill-Kummissjoni lill-PE u lill-Kunsill dwar il-garanziji koperti mill-baġit ġenerali, l-indikaturi tar-riskju tal-pajjiżi ġew analizzati u juru l-evoluzzjoni tar-riskju tal-inadempjenzi. Ir-rapport jipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti kwantitattivi tar-riskju mitttieħed mill-Baġit tal-UE. Minkejja dan, il-kwalità tar-riskji tiddependi mit-tip ta' operazzjoni u mill-qagħda ta' min qed jissellef. Il-valutazzjoni tar-riskju fir-rapport hija bbażata fuq l-informazzjoni dwar il-qagħda ekonomika u finanzjarja, il-klassifikazzjoni tal-kreditu u fatti oħra magħrufin dwar il-pajjiżi li rċevew self iggarantit.

2.2.2. Tagħrif dwar is-sistema ta' kontroll intern li ġiet stabbilita

Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-ġestjoni tal-garanzija tal-UE. L-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-EIB fil-kuntest tal-proposta li temenda d-Deċiżjoni qed jitwettqu skont ir-regoli ta' proċedura standard u l-prattika bankarja soda. Il-BEI u l-Kummissjoni jidħlu fi ftehim li jistabilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati rigward l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni proposta. Ara t-taqsima hawn fuq "Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar".

2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni ta' riskju ta’ errur

M.A.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta' irregolaritajiet

Il-BEI għandu r-responsabbiltà ewlenija li jadotta l-miżuri ta' prevenzjoni tal-frodi, notevolment permezz tal-applikazzjoni lill-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-"Politika tal-BEI dwar il-prevenzjoni u l-iskoraġġiment tal-Korruzzjoni, il-Frodi, il-Kollużjoni, il-Koerċizzjoni, il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu fl-attivitajiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment". Il-BEI adotta politika lejn ġurisdizzjonijiet mhux trasparenti, mhux kooperattivi u rregolati b’mod dgħajjef.

Il-BEI huwa impenjat li jżomm politika stretta kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u prattiki fiskali dannużi fl-attivitajiet kollha tiegħu, inkluż fil-każ ta’ self permezz ta’ intermedjarji finanzjarji. Huwa jimmonitorja kontinwament il-progress fl-istandards internazzjonali sabiex iżomm ir-rwol tiegħu ta’ mexxej fost l-IFIs fil-ġlieda kontra dawn il-prattiki fiskali dannużi u biex jiżgura li l-Politika tiegħu lejn ġurisdizzjonijiet mhux trasparenti, mhux kooperattivi u rregolati b’mod dgħajjef, iżżomm ruħha aġġornata dwar kwalunkwe żviluppi materjali.

Il-Grupp tal-BEI fil-Qafas tal-AML-CFT, aġġornat fl-2014 u ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-BEI, jistabbilixxi l-prinċipji ewlenin li jirregolaw l-AML-CFT u l-aspetti relatati mal-integrità tiegħu fl-attivitajiet tal-Grupp tal-BEI u għandu l-għan li jimpedixxi l-Grupp tal-BEI, l-entitajiet ta’ tmexxija tiegħu, il-persunal u l-kontropartijiet milli jkunu assoċjati ma' ħasil tal-flus, mal-finanzjament tat-terroriżmu jew attività kriminali oħra, jew użati għal dan l-għan.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwata(i)

Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru […][Intestatura………………………...…… ………]	Diff./Mhux diff[11].	minn pajjiżi tal-EFTA[12]	minn pajjiżi kandidati[13]	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
4	01.0305 garanzija tal-UE għas-self mill-BEI u garanziji fuq self għal operazzjonijiet f' pajjiżi terzi	Diff./Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
	01.0306 Il-proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija Fond		LE	LE	LE	LE

11 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux-diff. = Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati.

12 L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

13 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Punent tal-Balkani.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljuni (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	Intestatura 4

DĠ: ECFIN			Sena 2014[14]	Sena **2015**	Sena **2016**	Sena **2017**	Snin **2018-2020**			**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali										
Numru tal-linja baġitarja: 01 0305	Impenji	(1)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	**p.m.**	**p.m.**	**p.m.**	**p.m.**
	Pagamenti	(2)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	**p.m.**	**p.m.**	**p.m.**	**p.m.**
Numru tal-linja baġitarja: 01 0306	Impenji addizzjonali	(1a)	-	-	-	-	**+ 4**	**+ 32**	**+ 79**	**+ 115**
	Pagamenti Addizzjonali	(2a)	-	-	-	-	**+ 4**	**+ 32**	**+ 79**	**+ 115**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva finanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[15]										
Numru tal-linja baġitarja		(3)								
TOTAL tal-approprazzjonijiet għad-DĠ <…….>	Impenji	=1+1a +3	-	-	-	-				
	Pagamenti	=2+2a	-	-	-	-	**+ 4**	**+ 32**	**+ 79**	**+ 115**

14 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

15 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

		+3								

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	-	-	-	-	**+ 4**	**+ 32**	**+ 79**	**+ 115**
	Pagamenti	(5)	-	-	-	-	**+ 4**	**+ 32**	**+ 79**	**+ 115**
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-approprazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	-	-	-	-	**+ 4**	**+ 32**	**+ 79**	**+ 115**
	Pagamenti	=5+ 6	-	-	-	-	**+ 4**	**+ 32**	**+ 79**	**+ 115**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**	"Nefqa amministrattiva". **Ma hemm l-ebda kostijiet amministrattivi addizzjonali**

EUR miljuni (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
DĠ: <…….>									
• Riżorsi umani									
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL TAD-DĠ <….>	Approprjazzjonijiet								

TOTAL tal-approprazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)								

EUR miljuni (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	Sena **2017**	**Snin 2018 – 2020**			**TOTAL**
TOTAL tal-approprazzjonijiet taħt l-INTESTATURI minn 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	-	-	-	-	**+ 4**	**+ 32**	**+ 79**	**+ 115**
	Pagamenti	-	-	-	-	**+ 4**	**+ 32**	**+ 79**	**+ 115**

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f’miljuni ta’ EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u l-outputs ⇩			Sena **2014**		Sena **2015**		Sena **2016**		Sena **2017**		**Snin 2018 – 2020**						**TOTAL**	
	OUTPUTS																	
	Tip[16]	Kost medju	LE	Kost	LE	Kost	LE	Kost	LE	Kost	LE	Kost	LE	Kost	LE	Kost	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 Li jitjiebu l-profil tal-UE, ir-rappreżentazzjoni esterna tagħha u l-kooperazzjoni tagħha mal-BEI u mal-BERŻ, ma’ istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn u mal-fora ekonomiċi rilevanti sabiex tissaħħaħ il-konverġenza bejn l-istrateġiji u l-ħidmiet tagħhom u l-prijoritajiet esterni tal-UE				**-**		**-**		**-**		**-**		**+ 4**		**+ 32**		**+ 79**		**+ 115**
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2				**-**		**-**		**-**		**-**		**+ 4**		**+ 32**		**+ 79**		**+ 115**
KOST TOTALI				**-**		**-**		**-**		**-**		**+ 4**		**+ 32**		**+ 79**		**+ 115**

L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali jista' jitqassar kif ġej:

[16] L-outputs huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ km ta’ toroq mibnija, eċċ.).

• 01 0305 - "Garanzija tal-UE għal self tal-BEI u garanziji fuq self għal operazzjonijiet f’pajjiżi terzi"

Ir-reġistrazzjoni baġitarja (“p.m.”) li tirrifletti l-garanzija baġitarja għas-self mill-BEI lil pajjiżi terzi se tiġi attivata biss fil-każ ta' sejħa effettiva fuq il-garanzija li ma tkunx tista' tiġi koperta b'mod sħiħ mill-Fond ta' Garanzija.

01 0306 – "Proviżjonament tal-Fond ta’ Garanzija"

Il-Fond ta’ Garanzija għall-azzjonijiet esterni jrid ikun fornut skont il-Regolament dwar il-Fond ta' Garanzija (ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009). B'mod konformi ma’ dan ir-Regolament, is-self jiġi fornut abbażi tal-ammont pendenti fl-aħħar tas-sena. L-ammont ta' proviżjonament huwa kkalkolat fil-bidu tas-sena "n" bħala d-differenza bejn l-ammont fil-mira (9% tal-ammont pendenti) u l-assi netti tal-Fond fi tmiem is-sena “n-1”. Dan l-ammont ta’ proviżjonament jiġi introdott fis-sena “n” fl-abbozz ta' baġit “n+1” u jitħallas effettivament fi tranżazzjoni waħda fil-bidu tas-sena “n+1” mil-linja tal-baġit 01 0306 lill-Fond ta' Garanzija.

Il-Fond ta’ Garanzija jkopri wkoll Assistenza Makrofinanzjarja u self tal-Euratom li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni proposta. Għaldaqstant, il-ħtiġijiet baġitarji stmati jqisu l-operazzjonijiet iffirmati eżistenti kif ukoll operazzjonijiet potenzjali ġodda skont dawn iż-żewġ attivitajiet. Il-ħtiġijiet annwali effettivi għall-proviżjonament tal-Fond ta’ Garanzija fl-2014-2020 jiddependu fl-aħħar mill-aħħar mir-ritmu attwali tal-firem, l-iżborsamenti u r-rimborżi tas-self fuq it-tliet attivitajiet, kif ukoll fuq l-evoluzzjoni tal-assi tal-Fond ta’ Garanzija.

It-tabella ta’ hawn taħt turi l-attivitajiet ta' azzjoni esterna mistennija koperti mill-Fond ta’ Garanzija għall-perjodu 2014-2026 (il-volum ta’ firem u ta' żborsamenti ta' self).

It-tbassir pendenti (EUR 32,3 biljun) matul il-perjodu 2014 – 2026 fir-rigward ta’ self tal-BEI, tal-AMF u tal-EURATOM

TOTAL PENDENTI (BEI + AMF + EURATOM)	Tmiem l-2014	Tmiem l-2015	Tmiem l-2016	Tmiem l-2017	Tmiem l-2018	Tmiem l-2019	Tmiem l-2020	Tmiem l-2021	Tmiem l-2022	Tmiem l-2023	Tmiem l-2024	Tmiem l-2025	Tmiem l-2026
Ammonti pendenti	26 353	28 451	30 744	32 730	35 198	36 654	37 713	38 278	37 981	36 841	34 568	32 562	30 320

It-tnaqqis tal-ammont pendenti mill-2021’il quddiem huwa marbut ma’ nuqqas ta’ previżjonijiet għall-BEI għall-perjodu tal-mandat li jmiss

3.2.3. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

X Il-proposta/l-inizjattiva se tkun tinvolvi riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Il-ħtiġijiet baġitarji addizzjonali stmati huma indikati fit-taqsima ta’ hawn fuq “Impatt stmat fuq in-nefqa” (EUR 115-il miljun matul il-perjodu 2018–2020) u se jiġu koperti permezz ta’ riallokazzjoni fl-intestatura 4 jew, bħala l-aħħar rimedju, permezz tal-marġini mhux allokat.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

X Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

- ☐ fuq ir-riżorsi proprji
- **X** fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljuni (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja tad-dħul baġitarju:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	L-impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[17]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu ………….								

Għal dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata.

Jekk il-Fond ta’ Garanzija jisboq l-ammont fil-mira, l-ammont eċċessiv jitreġġa’ lura fil-linja kkonċernata tal-baġit ġenerali. Il-metodu għall-kalkolu tal-impatt possibbli fuq id-dħul huwa deskritt fid-dettall fit-taqsima ta' hawn fuq "*Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*" dwar il-funzjonament tal-Fond ta’ Garanzija.

[17] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta’ 25 % tal-kostijiet ta’ ġbir.